



TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri
*“Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjanijiet
nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza”*

Werrej

I. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB FIL-QOSOR.....	3
a) Introduzzjoni ġenerali.....	3
b) Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-QEA.....	4
c) L-aktar żviluppi reċenti rilevanti u l-passi li jmiss.....	4
II. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PRINĊIPALI TAL-QEA.....	5
1. Proċess ta' Valutazzjoni.....	5
2. Valutazzjoni tas-Sitt Pilastri u l-Kontribut għall-Indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż.....	6
3. Valutazzjoni skont il-prinċipju “La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti” (DNSH).....	6
4. Valutazzjoni tal-Kontribut tal-Miżuri għat-Tranżizzjonijiet Ekoloġiċi u Diġitali.....	7
5. Valutazzjoni tal-Estimi tal-Kostijiet tal-RRP.....	7
6. Profili tal-iżborż.....	8
7. Valutazzjoni tal-obiettivi intermedji u tal-miri.....	8
8. Valutazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll.....	9
III. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-KONKLUŻJONIJIET U R-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QEA.....	11
1. Rakkomandazzjoni 1 – Titjib tal-proċeduri u d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.....	11
2. Rakkomandazzjoni 2 – Il-promozzjoni tal-iskambju ta' prattiki tajbin fost l-Istati Membri	11
3. Rakkomandazzjoni 3 – Segwitu dwar il-kontribut tal-miżuri implimentati għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.....	12
4. Rakkomandazzjoni 4 – It-titjib tat-trasparenza u l-monitoraġġ tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”.....	13
5. Rakkomandazzjoni 5 – L-iżgurar ta' mekkaniżmi ċari ta' verifika tal-obiettivi intermedji u tal-miri u d-definizzjoni adegwata tagħhom.....	14

6. Rakkomandazzjoni 6 – Il-verifika tal-konformità mal-objettivi intermedji speċifiċi għall-monitoraġġ u l-kontroll u l-inkoraġġiment tal-użu tal-għodda tal-Kummissjoni għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju.....15

Dan id-dokument jippreżenta t-tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-osservazzjonijiet ta' Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, f'konformità mal-Artikolu 259 tar-[Regolament Finanzjarju](#) u li għandhom jiġu ppubblikati flimkien mar-Rapport Speċjali.

I. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB FIL-QOSOR

a) Introduzzjoni ġenerali

F'Jannar 2020, il-pandemija tal-Covid-19 laqgħet l-Ewropa u f'itit wara wasslet mhux biss għal kriżi tas-saħħa, iżda wkoll għal xokkijiet soċjali u ekonomiċi fuq skala kbira. Malajr deher ovvju li azzjoni individwali mill-Istati Membri ma tkunx biżżejjed u li din tispiċċa twassal għal diverġenza u riskji għall-istabbiltà proprja tal-Istati Membri individwali u tal-Unjoni kollha kemm hi. Kien meħtieġ rispons urġenti fil-livell tal-UE biex jittaffa l-impatt fuq iċ-ċittadini u n-negozji, jiġi appoġġat l-irkupru mill-pandemija u tinbena reżiljenza kontra xokkijiet futuri. L-Unjoni Ewropea stabbiliet strument straordinarju għal żmien straordinarju: L-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru *NextGenerationEU* huwa mfassal biex iżid EUR 806,9 biljun addizzjonali mal-baġit regolari tal-UE fis-swieq finanzjarji. Minn dawn, EUR 83,6 biljun jikkontribwixxu għal REACT-EU (EUR 50,6 biljun), għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (EUR 10,9 biljun), kif ukoll għall-iżvilupp rurali, għal InvestEU, Orizzont Ewropa u RescEU.

Il-qalba ta' *NextGenerationEU* hija l-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza* (RRF), li se tiżborża sa EUR 723,8 biljun f'għotjiet u self lill-Istati Membri. Ir-Regolament RRF daħal fis-seħħ fi Frar 2021. Inqas minn 18-il xahar wara, aktar minn EUR 100 biljun ġew żborżati lill-Istati Membri, biex jappoġġaw l-irkupru, jiġġieldu l-effetti tal-pandemija u jappoġġaw liċ-ċittadini u lin-negozji madwar l-UE. Lil hinn minn dan, l-RRF ipprovdiet effett ta' stabbilizzazzjoni u wriet l-importanza tal-proġett Ewropew u ta' azzjoni Ewropea komuni. L-RRF hija l-akbar programm ta' finanzjament tal-UE li qatt sar u l-ewwel wieħed tat-tip tiegħu li japplika l-kunċett ta' finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni fuq skala kbira: aktar milli tiffoka fuq in-nefqa, l-RRF hija marbuta bis-sħiħ mal-kisba tar-*riżultati* b'referenza għall-oġettivi intermedji u l-miri. Fil-kuntest tal-RRF, il-pagamenti se jsiru meta l-Istati Membri jiksbu miżuri speċifiċi ta' progress, l-"oġettivi intermedji" (kwalitattivi) u l-"miri" (kwantitattivi). Bħala tali, l-RRF hija tip ġdid ta' strument li jeħtieġ l-istabbiliment ta' arranġamenti ta' ħidma, regoli, mudelli u proċessi ġodda, li l-Kummissjoni stabbiliet fi żmien rekord.

Ir-Regolament RRF jinvolvi li kull Stat Membru jippreżenta Pjan nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Plan, RRP) uniku li jstabbilixxi r-riformi u l-investimenti li l-Istat Membru jimpenja ruħu li jimplementa. Kull RRP jiġi vvalutat fi żmien xahrejn mill-Kummissjoni u, jekk il-valutazzjoni tkun pożittiva, il-Kummissjoni tagħmel proposta għal *Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill* li fl-aħħar mill-aħħar għandha tiġi adottata mill-Kunsill. L-ewwel Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza ġew riċevuti f'April 2021, ivalutati mill-Kummissjoni f'Ġunju 2021, u adottati mill-Kunsill f'Lulju 2021.

Matul dan il-perjodu, il-Kummissjoni ħadmet b'mod proattiv mal-partijiet kollha u, b'mod partikolari, mal-Istati Membri, sabiex tiżgura riforma rapida u ambizzjuża u aġenda ta' investment madwar l-UE. Il-Kummissjoni impenjat ruħha minnufih wara l-pubblikazzjoni tal-proposta tagħha għar-Regolament dwar l-RRF mal-Istati Membri, kemm biex tispjega u tiddiskuti d-dispożizzjonijiet legali, kif ukoll biex tiggwidahom fit-tnejjija tal-Pjanijiet tagħhom għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel gwida għall-Istati Membri f'Settembru 2020, ibbażata fuq l-abbozz tar-Regolament, li għenet lill-Istati Membri matul it-tnejjija tal-pjanijiet tagħhom. F'Jannar 2021 ġiet ippubblikata gwida aġġornata, ibbażata fuq it-test finali tar-Regolament RRF, li informat l-abbozzar finali tal-RRPs. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll gwida oħra bil-miktub, eż. lista ta' kontroll tal-awtovalutazzjoni fuq is-sistemi ta' kontroll, u pprovdiet mijiet ta' tweġibiet bil-miktub u ħafna aktar tweġibiet verbali għall-mistoqsijiet tal-Istati Membri maħluqa b'mod bilaterali jew f'formati tal-Kunsill (b'mod partikolari fil-kuntest tal-grupp ta' esperti maħluq għal dak il-għan), u organizzat skambji biex tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni u proġetti konġunti.

Il-Kummissjoni pparteċipat ukoll fi Djalogi dwar l-Irkupru u r-Reżiljenza ta' kull xahrejn u organizzat aktar ta' spiss laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma mal-Parlament Ewropew kif ukoll f'diversi gruppi ta' ħidma tal-Kunsill. Il-Kummissjoni informat bir-reqqa u b'mod regolari kemm lill-koleġislaturi kif ukoll lill-pubbliku dwar l-iżviluppi fuq l-RRF permezz ta' sit web apposta, stqarrijiet għall-istampa għal avvenimenti ewlenin, il-pubblikazzjoni proattiva ta' diversi dokumenti li jstabbilixxu l-analiżi tagħha – bħal Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dettaljat li jstabbilixxi l-valutazzjoni għal kull wieħed mill-RRPs – u ppubblikat il-preżentazzjonijiet kollha pprovduti lill-Kunsill jew lill-Parlament.

Fi ħdan il-Kummissjoni, l-RRF hija fluss tax-xogħol trażversali tad-DĠ li jlaqqa' flimkien l-għarfien esperti tal-politika u tal-prattika mis-servizzi kollha.

b) Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-QEA

Il-Kummissjoni tilqa' s-sejbiet pożittivi tal-QEA dwar il-ħidma ta' valutazzjoni tagħha.

Matul ir-rapport tagħha, il-QEA ssib li l-Kummissjoni wettqet ħidma komprensiva u bir-reqqa fuq il-kriterji ta' valutazzjoni. Fl-osservazzjonijiet tagħha, il-QEA tenfasizza elementi fejn il-Kummissjoni tista' ttejjeb id-dokumentazzjoni tagħha tal-proċess ta' valutazzjoni, li l-Kummissjoni timpenja ruħha li timplimenta kemm jista' jkun.

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li xi wħud mir-riskji u l-limitazzjonijiet enfasizzati mill-QEA jirriżultaw mit-tfassil tal-RRF innifisha. Pereżempju, il-QEA tenfasizza xi inċertezzi fir-rigward tal-implimentazzjoni attwali tal-miżuri tal-RRP, ħaġa li għandha tkun mistennija minħabba li dan l-awditu prinċipalment ikopri l-valutazzjoni *ex ante* tal-RRPs nazzjonali. Filwaqt li l-QEA ssib li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija magħmula bir-reqqa, il-valutazzjonijiet tal-RRP huma min-natura *ex ante* tagħhom ibbażati fuq l-informazzjoni disponibbli fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-RRP.

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-QEA kompletament jew parzjalment.

c) L-aktar żviluppi reċenti rilevanti u l-passi li jmiss

F'Mejju 2022, wara sejħiet għal azzjoni mill-Kunsill Ewropew biex jitnaqqsu d-dipendenzi fuq l-enerġija fossili Russa wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-Kummissjoni ppubblikat il-Pjan REPowerEU. Ir-REPowerEU huwa sforz ambizzjuż biex titnaqqas id-dipendenza tal-Ewropa fuq il-fjuwils fossili Russi u biex titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija. Għall-implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni pproponiet emendi mmirati għar-Regolament RRF, inkluża ż-żieda ta' "kapitolu dwar ir-REPowerEU" ma' kull RRP. Il-proposta tipprovdri wkoll finanzjament addizzjonali għall-RRF fil-forma ta' fondi miġbura permezz tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u possibbiltajiet ta' trasferiment addizzjonali minn programmi ta' ġestjoni kondiviża oħrajn tal-Unjoni. Bħalissa, il-proposta qed tiġi diskussa mill-koleġislaturi.

II. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PRINĊIPALI TAL-QEA

1. Proċess ta' Valutazzjoni

Il-Kummissjoni tilqa' s-sejbiet pożittivi dwar il-proċess ta' valutazzjoni tal-RRP tagħha, li jikkonfermaw l-intensità u r-reqqa tal-ħidma tal-Kummissjoni, l-involvement tal-għarfien espert fil-Kummissjoni, u li l-ħidma ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni kienet xierqa.

Fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-valutazzjoni tal-RRPs mill-Kummissjoni,¹ il-Kummissjoni tenfasizza l-proċess ta' valutazzjoni kbir u kumpless: kull valutazzjoni tal-RRP tibda b'diskussjonijiet ferm qabel is-sottomissjoni formali tal-RRP, li mbagħad jiġu segwiti minn perjodu ta' valutazzjoni formali ta' xahrejn, li jista' jiġi estiż jekk ikun meħtieġ. Ir-rekords għal kull pass tal-proċess ta' valutazzjoni nħażnu u ġew kondiviżi mal-QEA. Kull valutazzjoni tal-RRP tikkonċerna medja ta' 90 riforma u investment distinti, li kull wieħed u waħda minnhom jistgħu jeħtieġu l-involvement ta' esperti differenti tal-Kummissjoni. Il-valutazzjoni, kif tenfasizza l-QEA, tinvolvi tim ta' pajjiż ewlieni, li kien fi skambju ta' kuljum mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u ma' esperti minn madwar il-Kummissjoni.

Valutazzjoni tal-RRP hija fl-aħħar mill-aħħar ibbażata fuq eluf ta' dokumenti u skambji. Il-Kummissjoni tiżgura proċess bir-reqqa u żżomm rendikont tal-kontribuzzjonijiet rilevanti kollha. Il-valutazzjoni għandha karattru dinamiku minħabba li matul il-perjodu kollu ta' valutazzjoni, il-Kummissjoni titlob informazzjoni addizzjonali u l-Istat Membru jista' jirrevedi l-pjan tiegħu jekk ikun meħtieġ.

Fir-rigward tal-gwida u ta' proċess standardizzat², il-Kummissjoni żviluppat gwida komprensiva dwar il-proċess ta' valutazzjoni tal-RRP. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li approċċ ibbażat fuq il-lista ta' kontroll ma huwiex fattibbli minħabba n-natura kwalitattiva tal-valutazzjoni u l-varjetà tal-RRPs u l-miżuri li jinsabu fihom.

Fir-rigward tal-appoġġ lill-Istati Membri,³ il-Kummissjoni għamlet sforzi sinifikanti biex tipprovdi gwida bikrija, ċara u komprensiva, akkumpanjata minn appoġġ individwali fil-fond għal kull Stat Membru. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ppubblikat żewġ dokumenti ta' gwida dettaljati dwar l-abbozzar tal-RRPs, wieħed ippubblikat abbażi ta' abbozz tar-Regolament f'Settembru 2020, it-tieni abbażi tat-test legali finali f'Jannar 2021. Ġie organizzat taħriġ ta' ġurnata sħiħa mal-Istati Membri kollha wara l-pubblikazzjoni tad-dokument ta' gwida f'Jannar 2021. Mill-inqas mill-ħarifa tal-2020 beda jsir djalogu bilaterali regolari ma' kull Stat Membru, u l-Kummissjoni pprovdiet gwida orizzontali u wiegħbet mistoqsija bl-email, permezz ta' sit web iddedikat għall-mistoqsijiet u t-tweġibiet u fil-formati kollha tal-Kunsill disponibbli. Il-Kummissjoni rawmet ukoll sinerġiji fost l-RRPs permezz ta' proġetti "ewlenin" u billi ħeġġet lill-Istati Membri jipprevedu miżuri konġunti, bħal kontribuzzjonijiet għal *Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs)*, li ġew inklużi f'diversi pjanijiet.

¹ Ara l-paragrafu 33 tar-rapport speċjali tal-QEA.

² Ara l-paragrafi minn 31 sa 33 tar-rapport speċjali tal-QEA.

³ Ara l-paragrafi minn 34 sa 39 tar-rapport speċjali tal-QEA.

2. Valutazzjoni tas-Sitt Pilastru u l-Kontribut għall-Indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż

Il-QEA tenfasizza li l-Kummissjoni vvalutat bir-reqqa l-kontribut ta' kull RRP għas-sitt pilastru tar-Regolament RRF u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Il-QEA tikkonferma wkoll il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għas-sitt pilastru u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għas-sitt Stati Membri fil-kampjun tagħha.

Fir-rigward tal-kontribut tal-RRPs għas-sitt pilastru⁴, il-Kummissjoni tenfasizza li l-kontribut tal-kostijiet stmati għall-pilastru kien kunsiderazzjoni waħda, iżda mhux l-unika kunsiderazzjoni, meta jiġi vvalutat jekk il-kontribut għas-sitt pilastru huwiex ibbilanċjat. L-RRF hija maħsuba biex tappoġġa kemm l-investimenti kif ukoll ir-riformi, b'dawn tal-aħħar spiss ma jkollhom l-ebda kost dirett. Kieku l-Kummissjoni kienet ibbażat il-valutazzjoni tal-bilanċ biss fuq il-kost stmat, hija kienet tittlef l-impatt tar-riformi f'din il-valutazzjoni. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija kompletament konformi mal-kriterju ta' valutazzjoni pprovdut fir-Regolament RRF, li jirrikjedi li l-pjan jirrappreżenta rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istat Membru, mingħajr ma ssir referenza għal kwalunkwe kost stmat (kuntrarju għall-kriterji dwar il-miri ekoloġiċi u diġitali). Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li, f'konformità mar-Regolament, ir-rapportar tagħha dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza jipprovdi stima tas-sehem tan-nefqa li tikkontribwixxi għal kull pilastru.

Fir-rigward tal-kontribut tal-RRPs għall-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs),⁵ il-QEA tikkonferma l-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tenfasizza li r-Regolament RRF jipprevedi wkoll b'mod espliċitu li jrid jiġi indirizzat "is-subsett kollu jew subsett sinifikanti" tas-CSRs, filwaqt li jitqiesu wkoll il-kontribuzzjoni finanzjarja u (fejn rilevanti) is-self mitlub. Għaldaqstant, xi Stati Membri għażlu, f'konformità sħiħa mar-Regolament RRF, li jindirizzaw subsett sinifikanti ta' CSRs rilevanti fi ħdan l-RRP. Il-Kummissjoni temmen li l-valutazzjoni tagħha tippreżenta dan b'mod trasparenti.

3. Valutazzjoni skont il-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" (DNSH)

Il-QEA sabet li l-Kummissjoni żgurat li l-listi ta' kontroll tal-Istati Membri skont il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) indirizzaw l-oġġetti ambjentali, u li l-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, talbet miżuri ta' mitigazzjoni, jekk meħtieġa, u talbet it-tneħħija ta' miżuri li ma humiex konformi mad-DNSH mill-RRPs. Is-sejbiet tal-QEA juru li l-Kummissjoni żgurat valutazzjoni bir-reqqa u effettiva tad-DNSH, li wasslet għall-esklużjoni jew għall-modifika tal-miżuri, kif xieraq.

Fir-rigward tal-għażla tal-Istati Membri li jimplementaw miżuri esklużi mill-RRPs permezz ta' fondi nazzjonali,⁶ il-Kummissjoni tenfasizza li l-valutazzjoni tagħha hija neċessarjament ristretta għal dawk il-miżuri inklużi fl-RRP. Ir-Regolament RRF ma jipprovdi lill-Kummissjoni bi dritt jew b'possibbiltà li tobbliga lill-Istati Membri jirrispettaw id-DNSH għal miżuri mhux relatati mal-RRP.

⁴ Ara l-paragrafu 44 tar-rapport speċjali tal-QEA.

⁵ Ara l-paragrafi minn 48 sa 53 tar-rapport speċjali tal-QEA.

⁶ Ara l-paragrafu 58 tar-rapport speċjali tal-QEA.

Il-Kummissjoni tenfasizza li kwantifikazzjoni tal-impatt potenzjali fil-listi ta' kontroll tad-DNSH⁷ la hija meħtieġa, u lanqas ma tkun dejjem sinifikanti jew saħansitra possibbli għall-Istati Membri. Il-Kummissjoni ma temminx li nuqqas ta' kwantifikazzjoni għamilha diffiċli biex tiġi vvalutata l-konformità mad-DNSH, u ma tara l-ebda raġunament jew evidenza għaliex tali kwantifikazzjoni ġgħib valur miżjud sinifikanti fuq id-deskrizzjonijiet u l-ispjegazzjonijiet fil-biċċa l-kbira kwalitattivi attwali.

Fir-rigward tal-miżuri ta' mitigazzjoni,⁸ il-Kummissjoni tinnota li, fejn meħtieġ, hija pproponiet li dawn jiġu inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk jiġi pprovdut obbligu legali li l-Istati Membri jridu jissodisfaw u li l-Kummissjoni se tivvaluta fiż-żmien meta tiġi sottomessa talba għall-ħlas għall-objettiv intermedju jew il-mira rilevanti. L-inklużjoni ta' kull miżura ta' mitigazzjoni fost ir-rekwiżit li jridu jiġu ssodisfati, pereżempju anki meta ma kien hemm l-ebda dubju dwar l-implimentazzjoni tagħhom, xorta kienet se twassal għal piż amministrattiv bla bżonn u eċċessiv.

4. Valutazzjoni tal-Kontribut tal-Miżuri għat-Tranżizzjonijiet Ekoloġiċi u Diġitali

Il-Kummissjoni tilqa' s-sejbiet tal-QEA li jikkonfermaw li l-Kummissjoni żgurat valutazzjoni bir-reqqa tal-kontribut tal-RRPs għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Kull miżura rilevanti għet assenjata tikketta klimatika u diġitali mill-Istat Membru, li għet ivverifikata mill-Kummissjoni. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni ssuġġeriet korrezzjonijiet jew talbet applikazzjoni aktar irfinuta tat-tikketti klimatiki u diġitali għas-“submiżuri” rilevanti biss.

5. Valutazzjoni tal-Estimi tal-Kostijiet tal-RRP

Fil-kuntest tal-RRF, il-valutazzjoni tal-kost stmat ta' miżura titwettaq *ex ante*, sabiex jiġi ddeterminat kost kumplessiv tal-RRP. Min-naħa tagħha, din hija l-bażi għall-allokazzjoni finanzjarja massima totali jew inqas mill-allokazzjoni finanzjarja massima totali għall-RRP tal-Istat Membru. F'konformità mal-loġika bbażata fuq il-prestazzjoni tal-istrument, l-estimi tal-kostijiet *ma jħallux* impatt dirett fuq il-pagamenti sussegwenti. Madankollu, il-Kummissjoni żgurat li l-informazzjoni pprovduta għall-estimi tal-kostijiet kienet allinjata mal-livell ta' ambizzjoni mistenni għall-objettivi intermedji u l-miri relatati, pereżempju, jekk l-istima tal-kostijiet kienet tipprovdi għadd mistenni ta' oġġetti (eż. pannelli solari) li kellhom jitlestew, din l-informazzjoni tqieset fid-definizzjoni tal-miri stabbiliti għal din il-miżura (eż. il-kapaċità solari li trid tiġi installata).

Fir-rigward tal-proċeduri,⁹ il-Kummissjoni tilqa' s-sejbiet tal-QEA li l-Kummissjoni applikat strettament il-kriterji tar-Regolament u l-gwida interna tagħha stess dwar il-valutazzjoni tal-kost tal-miżuri. Il-Kummissjoni żgurat applikazzjoni konsistenti tal-kriterji u, sabiex tiżgura trattament ġust, stabbiliet metodoloġija ċara għall-istabbiliment tal-klassifikazzjoni ġenerali għall-kriterju tal-ikkostjar għal kull RRP. Il-Kummissjoni tinnota li l-QEA ssib li r-rekwiżiti biex tinkiseb klassifikazzjoni “A” (raġonevolezza u plawżibbiltà għoljin tal-istima tal-kostijiet) setgħu kienu relattivament ambizzjużi u li, għaldaqstant, l-ebda klassifikazzjoni bħal din ma għet assenjata lil xi wieħed mill-RRPs ivvalutati sa issa. Bħala tali, l-RRPs kollha rċevew klassifikazzjoni “B”, li l-QEA taqbel li hija xierqa.

⁷ Ara l-paragrafu 60 tar-rapport speċjali tal-QEA.

⁸ Ara l-paragrafu 61 tar-rapport speċjali tal-QEA.

⁹ Ara l-paragrafu 69 tar-rapport speċjali tal-QEA.

Madankollu, il-Kummissjoni ma tqisx li l-kriterji tagħha għall-assenjazzjoni ta' klassifikazzjoni "Ċ" (raġonevolezza u plawżibbiltà baxxi tal-istima tal-kostijiet) kienu "baxxi". RRP ikklassifikat bħala "Ċ" jirċievi valutazzjoni negattiva u ma jistax jittressaq lill-Kunsill għall-adozzjoni. Ir-Regolament RRF jirrikjedi li, għall-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni "għandha taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat". Għaldaqstant, il-Kummissjoni talbet lil kull Stat Membru jtejjeb l-estimi tal-kostijiet tiegħu u jissottometti evidenza u ġustifikazzjoni addizzjonali sakemm il-plawżibbiltà u r-raġonevolezza tal-istima tal-kostijiet ikunu laħqu mill-inqas "B" (raġonevolezza u plawżibbiltà medji tal-istima tal-kostijiet). Tabilħaqq, il-QEA tikkonferma li l-Kummissjoni "talbet aktar informazzjoni, meta meħtieġa" u "kisbet informazzjoni biex tivverifika l-kostijiet stmati" u fejn ma rċevitx tali informazzjoni, dan jiġi stabbilit b'mod trasparenti fil-valutazzjoni u l-klassifikazzjonijiet tagħha.

6. Profili tal-iżborż

Fir-rigward ta' kif ġew stabbiliti l-profil tal-iżborż, jiġifieri l-ammont allokat għal kull sett ta' objettivi intermedji u miri,¹⁰ f'konformità man-natura bbażata fuq il-prestazzjoni tal-RRF, l-ammont ta' żborżi ma jistax ikun marbut mal-kostijiet attwali mġarrba. Ir-Regolament RRF jistabbilixxi b'mod ċar il-metodoloġija biex tiġi ddeterminata l-allokkazzjoni ġenerali għal kull Stat Membru, li l-Kummissjoni għamlet b'mod trasparenti u ekwu. Madankollu, ir-Regolament RRF ma jipprovdi metodoloġija biex jiġi stabbilit il-profil tal-iżborż speċifiku, li jorbot ammont ta' żborż speċifiku ma' sett speċifiku ta' objettivi intermedji u miri li għandhom jintlaħqu. F'konformità mar-rekwiżit li taġixxi "f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat", il-Kummissjoni ddiskutiet il-profil tal-iżborż ma' kull Stat Membru abbażi ta' proposta minn dak l-Istat Membru. Il-profil tal-iżborż li l-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill, u li l-Kunsill fl-aħħar mill-aħħar jiddetermina, jirrifletti għalhekk diversi fatturi, inklużi l-ħtiġijiet ta' finanzjament nazzjonali u l-ippjanar baġitarju, u l-proporzjon ta' objettivi intermedji u miri f'kull pagament parzjali, kif ukoll l-importanza relattiva tagħhom.

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-profil tal-iżborż ma jirrestrinġix kif għandhom jiġu ddeterminati l-ammonti ta' ħlasijiet parzjali sussegwenti, li jridu jkunu proporzjonati għall-prestazzjoni tal-Istat Membru. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tqisx li l-approċċ deskritt hawn fuq jagħmilha diffiċli biex jiġi ddeterminat tnaqqis proporzjonat fejn meħtieġ.

7. Valutazzjoni tal-objettivi intermedji u tal-miri

Il-QEA ssib li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-objettivi intermedji u tal-miri kienet komprensiva. Il-QEA tinnotta li l-proċess wassal għal deskrizzjonijiet aktar ċari tal-objettivi intermedji u tal-miri, meta mqabbla ma' dawq proposti inizjalment mill-Istati Membri, kif ukoll għal kliem aktar preċiż. Fejn rilevanti, l-objettivi intermedji u l-miri ġew ikkonsolidati jew saru aktar granulari meta mqabbla mal-proposta inizjali tal-Istat Membru, u dan jiżgura l-kopertura ta' stadji differenti tal-implimentazzjoni u numru ġenerali maniġġabbli.

Fir-rigward tar-rekord tad-dokumentazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-objettivi intermedji u tal-miri,¹¹ il-Kummissjoni setgħet turi rekords ta' dokumentazzjoni adattati u estensivi tal-valutazzjoni tagħha. Bħala medja, kull RRP finali fih aktar minn 200 objettiv intermedju u mira, b'medja ta' 325 objettiv intermedju u mira finali għas-sitt Stati Membri fil-kampjun tal-QEA (magħżula abbażi tad-daqs tal-RRP). F'xi każijiet, il-proposti inizjali mill-Istati Membri kien fihom diversi eluf ta' objettivi intermedji u miri possibbli.

¹⁰ Ara l-paragrafi minn 73 sa 76 tar-rapport speċjali tal-QEA.

¹¹ Ara l-paragrafu 81 tar-rapport speċjali tal-QEA.

Fir-rigward tan-natura tal-valutazzjoni,¹² il-Kummissjoni tinnota li hija applikat valutazzjoni kwalitattiva fl-isfond tal-istandards tar-Regolament RRF u mhux valutazzjoni komparattiva. Il-Kummissjoni żgurat l-abbozzar konsistenti tal-oġġettivi intermedji u tal-miri fis-CID permezz ta' linji gwida u kontrolli interni minn żewġ unitajiet orizzontali, iżda tinnota li ma hija prevista l-ebda valutazzjoni komparattiva fir-regolament RRF. Jenġtieg li l-RRP nazzjonali, kif previst mir-Regolament RRF, jitkejjel fl-isfond tal-istandards stabbiliti mir-Regolament, aktar milli jiġi vvalutat billi jitqabbel ma' RRP ieħor li jirrifletti allokkazzjoni finanzjarja differenti u sfidi u prijoritajiet differenti.

Fir-rigward tal-kopertura tal-istadji ewlenin tal-implimentazzjoni ta' kull riforma u investment b'oġġettiv intermedju jew mira¹³, il-Kummissjoni tinnota li r-Regolament RRF ma jipprovdni l-ebda rekwiżit bħal dan. Filwaqt li l-Kummissjoni, permezz tal-istandards interni tagħha, għamlet ħilitha biex tiżgura kopertura tajba, il-ħtieġa ta' kopertura sħiħa għal kull pass ewlieni ta' kull miżura kienet twassal għal għadd eċċessiv ta' oġġettivi intermedji u miri. Barra minn hekk, l-istadju ewlieni tal-implimentazzjoni ta' investment żgħir jew riforma inqas sinifikanti jista' ma jkollux l-istess importanza bħal dik ta' investment kbir jew riforma aktar sinifikanti. Għalhekk, il-Kummissjoni temmen li l-kopertura aħħarja hija ġġustifikata sewwa u tilħaq bilanċ bejn il-kejl tal-progress importanti u piż ta' rapportar ġenerali maniġġabbli. Il-Kummissjoni applikat ukoll standards ġenerali, bħal li ġeneralment kull riforma leġiżlattiva jkollha oġġettiv intermedju relatat mad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti, u li ġeneralment l-investimenti jkunu koperti minn mira finali tal-output.

Fir-rigward tad-data tat-tmiem ta' Awwissu 2026,¹⁴ il-Kummissjoni tinnota li, f'xi każijiet, ir-riformi u l-investimenti jkunu jeħtieġu xogħol preparatorju twil u jieħdu ż-żmien biex jiġu implimentati, u mhux f'kull każ l-Istati Membri setgħu jimpenjaw ruħhom li l-implimentazzjoni titlesta sa Awwissu 2026. Pereżempju, miżuri kbar li jeħtieġu konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati jew valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali jistgħu jieħdu diversi snin ta' ħidma preparatorja. Kieku l-Kummissjoni kienet eskludiet l-investimenti u r-riformi kollha bi skeda ta' żmien tal-implimentazzjoni li tista' tmur lil hinn minn Awwissu 2026, dan kien iwassal għal esklużjoni ta' ħafna investimenti fuq skala kbira mill-RRPs.

Fir-rigward tal-oġġettivi intermedji u l-miri speċifiċi għal kull RRP,¹⁵ il-Kummissjoni tinnota li, fl-aħħar mill-aħħar, l-oġġettivi intermedji u l-miri jridu l-ewwel jiġu proposti mill-Istati Membri u, għalhekk, ikunu jirriflettu l-prattiki amministrattivi nazzjonali. Il-Kummissjoni żgurat approċċ uniformi għar-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati mill-Istati Membri u se tkompli tiżgura trattament ugwali fil-valutazzjoni tat-talbiet għall-ħlas. B'mod partikolari, fejn element kwantitattiv jiġi inkluż bħala parti minn oġġettiv intermedju, tali rekwiżit huwa mistenni li jiġi vvalutat matul l-ipproċessar tat-talba għall-ħlas

8. Valutazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll

Il-Kummissjoni tilqa' s-sejbiet pożittivi tal-QEA li jenfasizzaw valutazzjoni komprensiva u bir-reqqa tas-sistemi ta' kontroll stabbiliti mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni kif meħtieġ u, fejn meħtieġ, insistiet fuq riformi addizzjonali u oġġettivi intermedji u miri korrispondenti, sabiex tiżgura li s-sistemi ta' kontroll xierqa jkunu kompletament fis-seħħ.

¹² Ara l-paragrafu 81 tar-rapport speċjali tal-QEA.

¹³ Ara l-paragrafi minn 83 sa 84 tar-rapport speċjali tal-QEA.

¹⁴ Ara l-paragrafi minn 85 sa 86 tar-rapport speċjali tal-QEA.

¹⁵ Ara l-paragrafi minn 90 sa 93 tar-rapport speċjali tal-QEA.

Fir-rigward tan-natura tal-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll tal-monitoraġġ bħala valutazzjoni *ex ante*,¹⁶ ir-Regolament RRF jipprevedi b'mod espliċitu valutazzjoni *ex ante*. Għalhekk, bħall-partijiet l-oħrajn kollha tal-valutazzjoni tal-RRP, il-kriterju ta' kontroll jiġi vvalutat abbażi tas-sistemi kif deskritti fl-RRPs. Madankollu, il-Kummissjoni żgurat valutazzjoni bir-reqqa tas-sistemi kif deskritti mill-Istati Membri, li partijiet minnhom ta' spiss kienu diġà fis-seħħ. F'kull każ, is-sistema ta' kontroll ġiet diskussa fil-fond mal-Istat Membru u l-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali u impenji bil-miktub dwar karatteristiċi importanti speċifiċi tas-sistemi ta' kontroll għal kull Stat Membru, filwaqt li żgurat valutazzjoni bir-reqqa u ġġustifikata.

Il-Kummissjoni ma temminx¹⁷ li l-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll *qabel* l-implimentazzjoni tagħhom (li kif deskritt hawn fuq hija espliċitament prevista fir-Regolament RRF) timplika riskji għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-ewwel, il-Kummissjoni tinnota li, fi kwalunkwe każ, il-fondi tal-RRF iridu jiġu implimentati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali u li l-Istati Membri huma responsabbli għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'każ li Stat Membru jikser l-obbligi tiegħu, il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-appoġġ finanzjarju u tissospendi jew tirkupra l-fondi, jekk ikun meħtieġ, sa 100 % tal-allokazzjoni finanzjarja jew tal-appoġġ għas-self. Għalhekk, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tista' tiegħu azzjoni jekk Stat Membru jonqos milli jimplementa sistemi ta' kontroll xierqa. It-tieni, in-natura *ex ante* tal-valutazzjoni tas-sistema ta' kontroll kif prevista mir-Regolament RRF hija implimentata bl-istess mod għal programmi oħrajn tal-UE, fejn is-sistemi jiġu vvalutati qabel l-implimentazzjoni (sħiħa) tagħhom.

Fir-rigward tal-oġġettivi intermedji addizzjonali miftiehma għas-sistemi ta' kontroll,¹⁸ il-Kummissjoni tenfasizza li tali oġġettivi intermedji addizzjonali huma relatati ma' elementi tas-sistema ta' kontroll li jistgħu jissaħħu, iżda ma jpoġġux l-adeqwatezza tas-sistemi ta' kontroll stabbiliti fil-pjanijiet f'dubju. Ir-Regolament RRF jipprevedi b'mod espliċitu l-possibbiltà li l-Kummissjoni tipproponi tali miżuri addizzjonali. Dawn iridu jiġu ssodisfati għall-ewwel pagament u, għalhekk, ma jirrappreżentaw l-ebda riskju, iżda pjuttost garanzija addizzjonali għall-implimentazzjoni xierqa tas-sistemi ta' kontroll.

Il-Kummissjoni tenfasizza li hija impenjat ruħha li timplimenta, u bdiet twettaq, awditi tas-sistemi biex tiżgura li s-sistemi ta' kontroll nazzjonali jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament RRF u r-rekwiżiti ewlenin stabbiliti fil-ftehim ta' finanzjament iffirmit ma' kull Stat Membru. Għalhekk, filwaqt li l-valutazzjoni tal-RRP hija neċessarjament *ex ante*, il-Kummissjoni qiegħda tiżgura li kull Stat Membru jkollu sistemi ta' kontroll xierqa fis-seħħ matul l-implimentazzjoni.

¹⁶ Ara l-paragrafi 103 u 104 u minn 106 sa 111 tar-rapport speċjali tal-QEA.

¹⁷ Ara l-paragrafu 111 tar-rapport speċjali tal-QEA.

¹⁸ Ara l-paragrafu 111 tar-rapport speċjali tal-QEA.

III. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-KONKLUŻJONIJIET U R-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QEA

1. Rakkomandazzjoni 1 – Titjib tal-proċeduri u d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni

Jenħtiegħ li l-Kummissjoni:

- (a) *tkompli ttejjeb il-proċedura f'valutazzjonijiet futuri biex tiżgura li jiġu segwiti l-passi kollha tal-proċess u li jiġu kkunsidrati bis-sħiħ il-partijiet kwalitattivi tal-valutazzjoni;*

Data tal-implimentazzjoni fil-mira tal-QEA: għal kwalunkwe valutazzjoni futura.

Il-Kummissjoni **taċċetta** s-subrakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni diġà introduċiet gwida, mudelli u proċeduri interni dettaljati. Il-Kummissjoni taċċetta li tkompli tadatta l-gwida u l-proċeduri tagħha.

Il-Kummissjoni tinnota u tilqa' l-konklużjoni tal-QEA¹⁹ "li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza kienet ġeneralment xierqa meta jitqiesu l-kumplessità tal-proċess u l-limitazzjonijiet taż-żmien" u "li l-Kummissjoni mmaniġġjat il-proċess ta' valutazzjoni b'mod effettiv." Il-Kummissjoni għamlet sforz sinifikanti biex tiżgura proċess ta' valutazzjoni komprensiv, ġust, trasparenti u konsistenti, li jmur ferm lil hinn mir-rekwiżiti tar-Regolament RRF. Għalhekk, il-Kummissjoni tista' taċċetta li tkompli tiżgura proċess standardizzat u ekwu, iżda tara kamp ta' applikazzjoni limitat għall-istandardizzazzjoni *ulterjuri* tal-proċess eżistenti tagħha.

- (b) *tiżgura li d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni finali u r-raġunijiet li jwasslu għaliha jkunu ddokumentati sewwa u li d-dokumenti ewlenin ikunu faċilment traċċabbli biex jiżdedu t-trasparenza u l-effiċjenza tal-proċess.*

Data tal-implimentazzjoni fil-mira tal-QEA: għal kwalunkwe valutazzjoni futura.

Il-Kummissjoni **taċċetta** s-subrakkomandazzjoni.

2. Rakkomandazzjoni 2 – Il-promozzjoni tal-iskambju ta' prattiki tajbin fost l-Istati Membri

Sabiex tippromwovi l-iskambju ta' prattiki tajbin fost l-Istati Membri matul l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, jenħtiegħ li l-Kummissjoni

¹⁹ Ara l-paragrafu 112 tar-rapport speċjali tal-QEA.

tiffaċilita b'mod proattiv l-iskambji ta' fehmiet bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar kwistjonijiet ta' tħassib komuni.

Data tal-implimentazzjoni fil-mira tal-QEA: matul l-implimentazzjoni tal-RRPs.

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni, filwaqt li tinnota li tali skambju diġà qiegħed jiġi implimentat permezz tal-organizzazzjoni ta' laqgħat regolari ta' grupp ta' ħidma informali ta' esperti. Għal skambji tematiċi speċifiċi, strumenti bħall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u gruppi ta' ħidma tematiċi jew settorjali diġà huma disponibbli u jiltaqgħu regolarment, fejn jiddiskutu wkoll il-miżuri tal-RRP. Tali skambju ta' Prattiki tajbin diġà beda u se jiġi implimentat fuq bażi kontinwa.

3. Rakkomandazzjoni 3 – Segwitu dwar il-kontribut tal-miżuri implimentati għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

Matul l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) *tallinja r-rapportar tal-progress dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza mar-rapportar fil-kuntest tas-Semestru Ewropew biex tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet kollha speċifiċi għall-pajjiż, inklużi dawk li ma humiex indirizzati direttament fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, jiġu segwiti b'mod adegwat;*

Data tal-implimentazzjoni fil-mira tal-QEA: mill-2022.

Il-Kummissjoni **taċċetta** s-subrakkomandazzjoni.

Qegħdin jiġu segwiti rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, u r-rapportar tas-Semestru u l-RRF huma allinjati.

- (b) *fil-qafas ta' rapportar eżistenti tas-Semestru Ewropew, tipprovdi informazzjoni dwar sa liema punt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza qed tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.*

Data tal-implimentazzjoni fil-mira tal-QEA: mill-2022.

Il-Kummissjoni **taċċetta** s-subrakkomandazzjoni u bdiet timplimentaha.

L-Istati Membri jirrapportaw bħala parti mir-rapportar regolari tas-semestru wkoll dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri rilevanti tal-RRP, u l-Kummissjoni tqis il-progress dwar il-miżuri rilevanti tal-RRPs fid-dokumenti tas-semestru tagħha. Saret rabta bejn is-sistema tal-IT użata mill-Istati Membri biex jirrapportaw dwar is-CSRs, u s-sistema tal-IT li l-Istati Membri jużaw biex jirrapportaw dwar l-RRPs, biex jiżguraw rapportar adegwat u biex jevitaw id-duplikazzjoni tal-ħidma mill-Istati Membri. Kull miżura tal-RRP ġiet ittikkettata għal CSR wieħed jew diversi CSRs rilevanti indirizzati lill-Istat Membru.

Fir-rigward tal-konklużjoni tal-QEA li "xi aspetti importanti ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż baqgħu lakuni mhux indirizzati fil-kopertura tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż,

b'mod partikolari dawk tal-2019,²⁰ il-Kummissjoni tirreferi għall-osservazzjonijiet tagħha ta' hawn fuq u tenfasizza li kull RRP irid jindirizza jew ir-rakkomandazzjonijiet kollha speċifiċi għall-pajjiż jew inkella "subsett sinifikanti" tagħhom, li jeħtieġ li jitqies b'mod kwalitattiv, b'mod partikolari fid-dawl tal-allokkazzjoni finanzjarja u (fejn rilevanti) tas-self mitlub, ta' miżuri oħrajn ipplanati li jiġu implimentati barra mill-RRF, jew tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa.

4. Rakkomandazzjoni 4 – It-titjib tat-trasparenza u l-monitoraġġ tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) *titlob lill-Istati Membri jipprovdu, kull meta rilevanti, stima kwantitattiva tal-impatt ambjentali tal-miżuri għal awtovalutazzjonijiet futuri tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” u, jekk tiġi pprovduta, iqisuha fil-valutazzjoni;*

Data tal-implimentazzjoni fil-mira tal-QEA: għal kwalunkwe valutazzjoni futura.

Il-Kummissjoni **taċċetta** s-subrakkomandazzjoni.

B'rabta mal-konkluzjoni²¹ u mar-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni tinnota li tali kwantifikazzjoni tal-impatt ambjentali ma hijiex meħtieġa mir-Regolament. Madankollu, il-Kummissjoni taċċetta li titlob lill-Istati Membri jipprovdu, kull meta rilevanti, valutazzjoni kwantitattiva. Meta tiġi pprovduta tali kwantifikazzjoni, il-Kummissjoni se tikkunsidra din l-informazzjoni fil-valutazzjoni tagħha tal-konformità mal-prinċipju tad-DNSH. Il-Kummissjoni tinnota li dan jista' japplika biss għal sottomissjonijiet futuri tal-RRP.

- (b) *tinkludi miżuri ta' mitigazzjoni fl-oġġettivi intermedji u fil-miri, fejn jitqiesu rilevanti għall-valutazzjoni pożittiva tal-miżura fir-rigward tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”, u tivverifika l-issodisfar tal-kundizzjonijiet inklużi f'dawn l-oġġettivi intermedji u l-miri matul l-implimentazzjoni.*

Data tal-implimentazzjoni fil-mira tal-QEA: għal kwalunkwe valutazzjoni futura u mill-2022.

Il-Kummissjoni **taċċetta parzjalment** din is-subrakkomandazzjoni.

Fir-rigward kemm tal-konklużjoni kif ukoll tar-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni tenfasizza li tali rekwiżiti kienu diġà inklużi bħala parti minn oġġettivi intermedju jew mira kull meta dawk ir-rekwiżiti tqiesu bħala meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità tal-miżura mal-prinċipju tad-DNSH. Approċċ ġenerali sabiex kull miżura ta' mitigazzjoni tiġi inkluża bħala parti mill-oġġettivi intermedju jew mill-mira (jew bħala l-oġġettivi intermedju jew il-mira stess) (anki jekk l-implimentazzjoni ta' miżura tal-plan diġà ma hijiex mistennija li tagħmel ħsara sinifikanti) iwassal għal sforz amministrattiv sinifikanti għal miżuri li diġà huma vvalutati kif mistenni sabiex jiġi żgurat li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali, f'konformità mal-kriterju ta' valutazzjoni rispettiv tar-Regolament RRF.

²⁰ Ara l-paragrafu 116 tar-rapport speċjali tal-QEA.

²¹ Ara l-paragrafu 117 tar-rapport speċjali tal-QEA.

Għalhekk, il-Kummissjoni taqbel li tkompli tinkludi miżuri ta' mitigazzjoni bħala parti mill-objettivi intermedji u l-miri, għal dawk il-każijiet fejn l-analiżi *ex ante* tad-DNSH ma għibx magħha assigurazzjoni suffiċjenti dwar il-konformità mal-prinċipju tad-DNSH, b'ċerti aspetti li jeħtieġ li jiġu vverifikati matul il-fażi ta' implimentazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju tad-DNSH jiġi rrispettat. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li ma huwiex fattibbli li jiġu inklużi sistematikament il-miżuri ta' mitigazzjoni *kollha* li ġew inklużi fl-awtovalutazzjoni tal-Istat Membru jew ikkunsidrati fil-valutazzjoni. Il-Kummissjoni taqbel ukoll li tivvaluta jekk l-Istat Membru ssodisfax tali kundizzjonijiet inklużi fl-objettivi intermedji u fil-miri meta tiġi sottomessa talba għall-ħlas li tinkludi dan l-objettiv intermedju speċifiku jew din il-mira speċifika.

5. Rakkomandazzjoni 5 – L-iżgurar ta' mekkaniżmi ċari ta' verifika tal-objettivi intermedji u tal-miri u d-definizzjoni adegwata tagħhom

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) tinkludi mekkaniżmi ta' verifika ċari fl-arranġament operazzjonali għall-objettivi intermedji u l-miri, sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni mhux ambigwa tal-issodisfar tagħhom;

Data tal-implimentazzjoni fil-mira tal-QEA: f'nofs l-2023.

Il-Kummissjoni **taċċetta** s-subrakkomandazzjoni.

(b) tiżgura li l-objettivi intermedji u l-miri jkunu definiti b'mod adegwat, b'mod partikolari li jkunu ċari biżżejjed, jirriflettu l-istadji ewlenin tal-implimentazzjoni u jkunu definiti b'mod konsistenti madwar l-Istati Membri, filwaqt li jirrispettaw l-ispeċifità jiet ta' kull pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

Data tal-implimentazzjoni fil-mira tal-QEA: għal kwalunkwe valutazzjoni futura.

Il-Kummissjoni **taċċetta** s-subrakkomandazzjoni.

Madankollu, fir-rigward tas-subrakkomandazzjoni u tal-konklużjoni,²² il-Kummissjoni tinnota li l-objettivi intermedji u l-miri ma humiex maħsuba biex ikunu komparabbli, iżda pjuttost biex ikejlu l-progress fl-implimentazzjoni ta' riforma speċifika jew investiment speċifiku fi Stat Membru speċifiku. Għalhekk, dawn jistgħu jvarjaw bejn l-Istati Membri.

²² Ara l-paragrafu 119 tar-rapport speċjali tal-QEA.

6. Rakkomandazzjoni 6 – Il-verifika tal-konformità mal-objettivi intermedji speċifiċi għall-monitoraġġ u l-kontroll u l-inkoraġġiment tal-użu tal-għodda tal-Kummissjoni għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) tiskrutinizza mill-qrib l-issodisfar sodisfaċenti u l-implimentazzjoni f'waqtha tal-objettivi intermedji speċifiċi relatati mas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll;

*(b) tkegġeg lill-Istati Membri kollha jużaw l-għodda tal-Kummissjoni għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-għoti ta' punteġġ tar-riskju.*

Data tal-implimentazzjoni fil-mira tal-QEA għat-tnejn li huma: fl-aħħar tal-2023.

Il-Kummissjoni **taċċetta** ż-żewġ subrakkomandazzjonijiet.